***Kunsill Lokali Marsaskala***
228, Triq is-Salini, Marsaskala, Malta
Tel : 21637171, Fax : 21637744,
E-mail : marsaskala.lc@gov.mt

**MINUTI**

**Laqgħab'Urġenza tal-Kunsill Lokali Marsaskala**

**IT-TMIEN LEĠISLATURA**

**Laqgħa Numru 26**

**It-Tnejn 16 ta' Awwissu 2021.**

Il-Kunsill Lokali Marsaskala għamel din is-seduta online u anke mill-Kunsill (live streamed) minħabba it-tixird tal-Covid 19 fis-6.00 ta' filgħaxija.

**PREZENTI:**

Mario Calleja – Sindku
John Baptist Camilleri- Kunsillier
Patrick Camilleri-Kunsillier
Charlot Mifsud – Kunsillier
Mary Rose Mifsud- Kunsillier
John Schembri – Kunsillier
Janice Falzon – Viċi Sindku
Errol Cutajar - Kunsillier
Ryan Portelli- Kunsillier

**ASSENTI b'APOLOĠIJI (Skont Ordni Permanenti 14A(3):**

**ASSENTI:**

**UFFIĊJAL PREZENTI:**

Josef Grech – Segretarju Ezekuttiv

**26.7** ***Korrispondenza:***

**26.7.1** **Concession Document Pre Qualification questionnaire (PQQ) for the award of a concession contract for the design, build, finance, operate, maintain and transfer of a marina in Marsaskala, Malta in an environmentally friendly manner (35/2390/21/I):**

Is-Sindku beda bil-laqgħa billi spjega li kif semgħu bil-proposta tal-*yacht marina* ġewwa Marsaskala l-ġimgħa li għaddiet bdew jiddiskutu fuq il-paġna li għandhom bejn il-Kunsilliera u anke rringrazzja lir-residenti tal-suġġerimenti taghhom. Huwa kompla jgħid illi għalkemm id-direzzjoni tal-Kunsill kienet ċara issejħet laqgħa tal-Kunsill b'urġenza.

Huwa qal illi kif ra l-proposta tal-pjanta ixxokkja ruħu u mill-ewwel u sejjaħ laqgħa b`urġenza biex wieħed jiddiskuti fid-dettal. Huwa issuġġerixxa li l-laqgħa issir onlajn biex b hekk il-popolin isegwi xi jkun għaddej. Huwa kompla jgħid illi hu kien infurmat illi din il-proposta kienet sempliċiment *artistic impression*.

Il-Viċi Sindku qalet li kienet *misleading* ħafna.

Is-Sindku qal illi dan il-proġett maħruġ minn Transport Malta u kompla jgħid illi l-propsota ta' *yacht marina* ilha mit-2006 kif ukoll kien imsemmi fil-programm elettorali. Huwa kompla jgħid illi proġett bħal dan trid issir konsultazzjoni pubblika u anke jekk jkun hemm bżonn għandu jsir referendum għaliex din tikkonċerna eluf ta nies li jgħixu ġol lokal tagħna. Huwa qal li dan kien ukoll iddiskutieħ mal-minority leader tal-PN is-sibt filgħodu.

Huwa kompla jgħid illi t-Tnejn filgħodu kkomunika ma' TMalta fejn tawh appuntament għal dak in-nhar stess u marret l-Viċi Sinkdu flimkien miegħu. Huwa qal illi l-pjanti kienu *misleading* u tkellmu fuq is-*swimming zone* u l-bżonn tal-*breakwater* speċjalment in-naħa taż-Żonqor peress li l-blat qed jitkisser. Huwa kompla jispjega fuq il-bżonn tat-trasport bil-baħar. Huwa qal li punt importanti li tkellmu fuqhu huwa il-nar li jsir fil-festa u jekk issir din l-marina ser nkunu qed nitilfu tradizjoni tal-lokal. Huwa kompla jgħid li ukoll tkellem mal-Kunsillier is-Sur John B. Camilleri fuq it-tqassim sewwa tal-irmiġġi.

Il-Viċi Sindku qalet li qalulhom li saret il-*consultation tal-PCM* u talbu sabiex terġa issir *public consultation*.

Is-Sindku qal illi min-naħa tagħhom assigurahom illi l-Kunsill ser jkun bħala *stakeholder* fejn jidħlu diskussjonijiet qabel ma issir *public consultation* u għaldaqstant huwa qal li l-Kunsill għandu jgħażel 4 Kunsilliera sabiex jifforma kumitat li wieħed minnhom jkun hu sabiex jkunu preżenti għal-laqgħat.

Is-Sindku stieden lill-Kunsilliera jgħaddu l-kummenti tagħhom u jiddikjaraw jekk jaqblux jew le.

Is-Segretarju Eżekuttiv qal li l-aħjar il-Kunsilliera jgħaddu l-kummenti umbgħad fl-aħħar xi ħadd jressaq mozzjoni u jittieħed vot.

Is-Sindku qal illi huwa kontra din il-proposta tal-Marina pero` ma jfissirx li ma jkunx hemm lok ta diskussjonijiet mat-Tmalta fejn apparti li nkunu kkonsultati nkunu ukoll parteċipi.

**26.7.2** Il-Kunsillier is-Sur John B Camilleri qal li l-iktar li qed jinkwetah huwa fuq *schedule 1*. Huwa qal illi fl-opinjoni tiegħu din mhux *artistic impression*. Huwa qara mid-dokument li ħarġu TMalta fejn qal illi fit-*technical specification* il-minimun requirements huwa 700 irmiġġ liema 20% minnhom li jammonta għal 140 irmiġġ li jkun għal daqs ta dgħajsa sa 70 pied, 350 irmiġġ għal dgħajes sa 77pied, 25% tal-irmiġġi jridu jkunu għal dgħajes sa 121 pied.

Huwa qal li ġol bajja ser jkun hemm bastimenti sa 175pied. Huwa qal li l-iktar li tinkwetah huwa li jrid ikun hemm 35 irmigg għal dgħajes sa 121 pied meta l-ikbar bastiment li jidħol ġol bajja fil-preżent huwa ta' 67 pied. Huwa qal MFA u l- MFB ser jibqu bl-istess rata li qedin fil-preżent pero` il-kumplament wara tlett snin ir-rata ser tiġi riveduta min-naħa tal-operatur.

Il-Kunsillier is-Sur John B Camilleri qal li dawn jridu jibnu ukoll uffiċċini u *toilets* adekwati li f'dawn ir-rapport hemm tlett postijiet li qed jitolbu sabiex jgħamlu *land reclamation* sabiex jibnu dawn il-faċilitajiet. Huwa qal li fit-2006 kien hemm fir-rapport li mhux *feasable* li issir u l-istess għadnu jgħodd għal lum. Huwa saħaq illi f'dan ir-rapport imkien ma jissemmew ir-residenti ta' Marsaskala u staqsa x'ha jibbenifikaw minnhu r-residenti ta' Marsaksala

Huwa kompla jgħid illi jekk ser nidħlu f'xi diksussjonijiet sabiex din il-marina tiġi ridotta għal inqas dgħajes, hemm probabilita li ser jiġrilna bħala ma ġara fiż-Żewwieqa ġewwa Għawdex. Huwa qal li tellem mas-Sindku tal-Qala sabiex jieħu *feedback* fejn infurmah illi llum il-ġurnata il-Kunsill tal-Qala tilef iż-Żewwieqa. Huwa qal illi illum lanqas ċans tmiss mal-blat ma jtuk. Huwa staqsa jekk ir-residenti ta' Marsaskala iridux jiġrilhom bħal dawk tal-Qala. Huwa iddikjara li ma jaqbliex.

**26.7.3** Il-Viċi Sindku ipproponiet sabiex il-Kunsill Lokali ta' Marsaskala jitlob lit-transport Malta sabiex jirtira din is-sejħa u joħroġ sejħa oħra fuq studji preliminari u dettaljati, assesjar fuq l-impatt ambjentali u konsultazzjoni wiesgħa fir-rigward ta' organizzjoni tal-Bajja ta' Marsaskala fuq skala ħafna iżgħar b'mod li nżommhu mal-kultura tar-raħal mingħajr ma nikkompromtettu l-aċċess liberu tan-nies għax-xatt, żoni tal-għawm ma jintmessux, l-interess tar-residenti jibqa il-fulkrum ta' kollox u ċ-ċirkolazzjoni tas-salmastru tal-magħluq titjieb u mhux tinqatel.

Il-Kunsillier is-Sur John B. Camilleri qal li jekk fuq li qed titlob il-Viċi Sindku jiġu organizzati l-irmiġġi dik diġa kienu qablu fuqha bħala Kunsill u lanqas kontra li jkun hemm xi tip ta *wave breakers* u xi tip ta' lqugħ, pero` oltre minn hekk ma jaqbilx.

Il-Viċi Sindku qalet illi bħala Kunsill, il-Kunsilliera kollha għandhom l-istess fehma iżda hija tibża li bil-propsota tal-Kunsillier is-Sur John B Camiller jista jkun li preġudikaw forsi proġett ieħor li nistgħu inkunu nvoluti bħala Kunsill mill-bidu flimkien mal-komunita` sabiex norgannizaw il-bajja hekk kif jixraqilha.

Is-Sindku qal ukoll bħall ma tkelmu fuq is-*swimming zones* li ma għandhomx jintmessu, bħal kif ukoll in-nar tal-baħar fi żmien il-festa fejn TMalta fl-ebda ħin ma qalu le, b'hekk kompla jgħid il-bżonn li jinħoloq dan il-Kumitat.

Il-Viċi Sindku saħqet illi jekk biss it-TMalta ma jirtirawx il-proposta li l-kumitat għandu jiġi iffurmat. Hija qalet li aħna mhux qedin ngħidu li favur ta' din il-proposta, imma talbu li la qed jgħatuna ċans inkunu parti mil-konsultazzjoni peress li qatt ma konna parti mill-konsultazzjoni.

Il-Viċi Sindku qalet li hija kontra il-proġett propost.

**26.7.4** Il-Kunsillier is-Sur Charlot Mifsud qal li huma ma jaqbilx ma din il-proposta u r-residenti għandhom jkunu rispettati u kkonsultati u proġett bħal dan ma jgħamliex ġieh lil Marsaskala. Huwa qal li jaqbel mal-organizzajoni tal-irmiġġi u naraw ix-xewqa tar-residenti u l-*iswimmer zones* ma jintmessux u din ma għandiex tkun issue politika iżda tkun bħala deċiżjoni ta Kunsill. Huwa qal li jaqbel mal-*breakwater* għax il-blat qed jaqa u anke hemm tabelli juru dan u ħafna mid-dagħjes li jkollu itellawhiom fix-xitwa, ħafna mid-dgħajes jekk ikun hemm ilqugħ min-naħa ta barra jkunu jistgħu jħalluhom hemm u nirbħu parkeġġ minn fuq is-simenta li tintuża mid-dgħajes.

**26.7.5** Il-Kunsillier is-Sur Patrick Camilleri qal li jinsab iddisapuntant li anke bħala resident skalin ma kienx ikkonsultant b'dan il-proġett u kif raħ ħa qata. Huwa qal li kontra din il-proposta u għandha tiġi rtirita u jsir studju kemm fuq l-ambjent u fuq l-impatt soċjali illi proġett bħal dan jista joħloq fil-futur. Huwa qal li hemm bżonn konsultazjoni wiesgħa illi tinkludi b'mod demokratiku lill-kulħadd. Huwa qal li jaqbel mal-breakwater.

**26.7.6** Il-Kunsillier is-Sinjura Maryrose Mfisud qalet li ma taqbilx ma din il-proposta. Hija qalet li taqbel mal-*breakwater*, mat-transport fuq il-baħar. Hija qalet li taqbel mal-organizzjani tal-irmiġġi wara li ssir konsultanzzjoni. Hija qalet li l-irmiġġi ma għandhomx jiżdiedu iktar milli hemm fil-preżent għaliex inkella ser tinħonoq il-bajja u n-nar biss minhemm jinħaraq fil-festa. Hija taqbel mal-*iswimming zones* u għandhna inkunu ikkonsultati b'kollox.

**26.7.7** Il-Kunsillier is-Sur Ryan Portelli qal li huwa jiskanta kif qalu li saret *public consultation* meta il-Kunsill lanqas biss kien jaf. Huwa qal li biex jiġu organizzati l-irmiġġi hemm żewġ metodi. L-ewwel wieħed li jiġu organizzati l-irmiġġi u t-tieni metodu li jsiru pontoons ġodda jew bil-konkrit jew *light weight.* Huwa qal li jekk inkunu f'diskussjoni biex jintranġaw il-pontoons, huwa jibża li ser nkunu qed ngħati lok li fil-futur jkun hemm estenzjonijiet. Huwa qal li fid-dokument hemm inniżżel illi fin-naħa ta' fuq ta' Malta hemm diversi marini illi huma f'Portomaso, Manuel Island, Gzira, Ta' Xbiex, Imsida, Kalkara, Birġu u anke ftit ta' żmien ilhu isemma ukoll proġett il-maritime hub tal-Marsa u ma jistax jifhem kif hemm bżonn li isir marina ukoll f'Marsaskala. Huwa qal li fid-dokument jgħid li apparti Kalkara u Birgu fis-*south* ma hemmx marina pero` huwa ma jistax jifhem u jara distinzjoni kif bejn in-naħa ta fuq ta Malta, iċ-ċentru u ix-xlokk f'Malta ma hawn distanza biex tivjaġġa minn pont għal ieħor u hemm bżonn ta marina f'Marsaskala.

Huwa qal li ma jistax jifhem kif *yacht marina* jista tkun *environmentally friendly*. Huwa qal li biex jkun *environemntally friendly manners* jistgħu jsiru *artificial reefs*, l-MTA tgħerreq ukoll dgħajes li ma għadomx jintużaw, jniżlu *concrete modules* sabiex jinħolqu ambjent għad-*divers*. Huwa saħaq li dawn huma *environmentally friendly measures* u mhux permezz ta marina. Huwa qal li hemm imsemmi ukoll li dan il-proġett ser ikun ta sostenn tat-turiżmu. Huwa qal li f'Marsaskala hemm diversi proġetti li jistgħu jkunu ta' sostenn għat-turiżmu kemm lokali u anke barrani, bħar-restawr tal-batterija taż-Żonqor, il-Magħluq, nibdew idustrija edukattiva għas-salt pans, il-katakombi, hikes il-munxar u ż-Żonqor, nipromovu Marsaskala bħala destinazzjoni tad-diving, restawr fil-Knisja l-antika.

Huwa kompla jgħid illi jiskanta bil-kobor li ġie propost għal minimu ta' 700 irmiġġ għaliex ingħata il-*minimum* u mhux il-*maximum*, fejn 35% mil-dgħajjes iridu jkun il-minimu ta 100 pied u li s-sajjieda ser jużaw biss 20% tal-marina li għandhom dgħajjes li huma minn metru sa 12 il-metru bejn sajjieda u tal-lokal u għaldaqstant huwa sorpiz kif jekk dan il-proġett qed jsir għal interess tal-lokal kif ġew allokati biss 20% tal-marina.

Huwa qal li issemma ukoll il-*local plans* meta fil-*local plans* imsemmija *area* ferm iżgħar, dawn imorru lura għas-sena 2006 meta il-popolazzjoni tal-lokal kienet in-nofs li hija illum il-ġurnata. Huwa qal li l-*local plans* ikun validi għal għaxar snin u wieħed jista jara li dawn il-*local plans* skadew u wieħed jrid jara jekk dan il-*local plan* għadomx relevanti jew le. Huwa qal illi ir-reġistrazzjoni u t-tarriffi għan nies tal-lokal jistgħu jiġu riveduta u għaldastant mhux ser jkollom garanzija li ser jkollox post fil-futur. Huwa qal li ma jaqbilex illi kuntratturi biss li għandu turnover ta 2.5 miljum jista jikkompeti.

Huwa kompla jispjega illi fl-aspett finazjarju li jrid jkollom, hemm imsemmi li jrid jkollom *current ratio* li jinħadem *assets* diviżi bil-*liabilites* u joħorġu *ratio* u f'wieħed mill-artikli jisemma li jridu ikun mhux inqas minn wieħed mentri tlett paġni wara mhux talli jista ma jkunx 1 li anke jatu punti fuq minn għandu *current ration* ta min għandu minn 0.5 sa 0.7 jingħata 10 punti, minn 0.7 sa 0.9 jingħata 15 il-punt minn 0.9 sa inqas minn 1.1 jingħata 20 point u iktar minn 1.1 jingaħta 25 points u dan juri illi ma jaqbliex ma dak li hemm imsemmi fl-istess dokument.

Il-Kunsillier is-Sur Ryan Portelli qal illi f'dokument sħiħ il-kelma resident ma issemma imkien. Huwa qal li kif ra il-*preliminary design* tal-marina inħareġ u qal li ser jispiċċa l-ispazju fuq is-simenta li jingħata lil Għaqdiet għal attivitajiet għaliex l-ispazju ser jingħata lil Għaqda tal-irmiġġi u anke l-area li ser tingħata lil Għaqda tal-fisheries, kif ukoll dan iffiser li dan l-ispazju pubbliku ser jkun projbit lir-residenti, kif ukoll jintesa għal kollox il-protezzjoni tal-Magħluq li jidher ukoll fil-local plan. Huwa qal ukoll għalkemm ma setax jaħdima hemm land reclation għal madwar 9000sq mtr.

Il-Viċi sindku qalet illi l-*land reclamation* hija 16,000 sqr mtr.

Il-Kunsillier is-Sur Ryan Portelli qal illi f'annex 6 fid-*draft south local plan*, apparti li kien sar studja mill-*yatching subject study* illi l-bajja ta Marsaskala mhux tajba għal yacht marina, illi fl-istess paragrafu hemm miktub illi għalkemm ma jippromoviex li il-bajja ta' Marsaskala mhux tajba għal-marina, pero għax il-local plan qalu li jista jsir marina allura għandu jsir hekk mingħajr ma issemmiet il-komunita u ma ġewx identifikati l-istudji li għandhom isiru. Huwa qal li ma jaqbilx ma din il-proposta u lanqas jaqbel li jkun hemm diskussjonijiet fuq pontoons għaliex nirriskjaw li jiżdiedu u l-marina għandu jibqa bil-mod tradizzjonali kif inhu purament għal-lokal.

**26.7.8** Il-Kunsillier is-Sur Errol Cutajar qal li kif qiegħed iddisinjat dan il-proġett jeskludi kompletament ir-residenti u allura huma fid-dmir li jitkelmu għar-residenti la id-dokument ma jiddefendiex lir-residenti. Huwa qal li rid jiċċara il-pożizzjoni tiegħu fil-*press conference* li hu ma jaqblix mal-proġett u lanqas jaqbel li l-yacht marina għanda issir mill-*breakwater* il-ġewwa kif forsi seta ġie interpretat iżda jaqbel li jkun hemm organizzazzjoni tal-irmiġġi li diġa hemm eżistenti, mingħajr ma nfixklu it-tradizzjonalijiet li jintużaw sallum bħal festa, ħruq tan-nar u l-użu tas-simenta. Huwa kompla jgħid li ma għanda titieħed l-ebda area mill-kosta u mill-baħar li tiġi imgawdija min-nies għaliex dak li qed jiġi propost huwa atroċita ambjentali. Huwa kompla jgħid li huwa semha l-ilmenti tar-residenti fejn fosthom kien hemm minn qal li l-pontoons jċaħduhom mill-irmiġġi tradizjonali, l-veduti projbiti minħabba l-arbli tad-dagħjes, kif ukoll ser jkun hemm ħafna traġitti deħlin u ħerġien fil-bajja.

Il-Kunsillier Dr Errol Cutajar ġab eżempju ukoll bil-bajja taż-Żewwieqa fejn qal li din il-bajja spiċċat meta saret il-marina hemmhekk. Huwa qal illi r-residenti ta' Marsaskala sofrew ħafna tul dawn l-aħħar snin bl-iżvillup li sar f'dan il-lokal u l-uniku ħaġa mhux mittifsa li għad fadal huwa il-kosta u l-baħar u għadna iħalluh kif inhu kif inhi ix-xewqa tar-residenti fejn fis-sajf jkun hemm il-biċċiet tal-bħar u fix-xitwa ma jkunx hemm. Huwa qal li ma jkunx hemmx marina u anke huwa il-biża tiegħu li jsir *break water* u hu qal li għalhekk hu mhux professjonist f'dan il-qasam imma jsita jsir studju ta' kif jista jitwaqqa it-tmermier tal-blat għaliex breakwater ser jbiddel il-kurrenti tal-bħar u anke viswalment kif naraw il-baħar illum u jaf ukoll li tinfetah tieqa biex umbgħad isiru żviluppi oħra ġol-bajja anke bl-organizzazjoni tal-irmiġġi. Huwa saħaq li huwa kontra dan il-proġett u anke kontra kull ideja oħra ta marina iżgħar ġewwa Marsaskala.

**26.7.9** Il-Kunsillier il-Perit John Schembri qal li f'dan l-istadju ma għandux jikkumenta la favur u lanqas kontra. Huwa astjena fuq dan il-proġett

**26.7.10.** Il-Kunsillier is-Sur John B Camilleri propona mozzjoni b'urġenza u l-Kunsillier Dr. Errol Cutajar Issekonda

*Nipproponi lli f'isem il-ħafna residenti ta' Marsaskala , il-Kunsill Lokali jitlob sabiex b'mod immedjat l-Awtorita' Maltija għat-Trasport tirtira is-sejħa kif imħabbar fid-dokument bin numru ta referenza TM045/2021 . imsejjaħ : CONCESSION DOCUMENT PRE-QUALIFICATION QUESTIONNAIRE , għal-disinn u bini ta Yacht Marina ġewwa il-bajja ta' Marsaskala.*

Il-Kunsill Lokali jisħaq illi dan il-Proġett lanqas biss għandu jigi kkonsidrat.

Il-Kunsillier is-Sur John B Camilleri qal li huwa jrid jgħamilha ċara li din il-mozzjoni tgħid ċar li mhux jiċkien il-proġett iżda ma ssirx l-ebda proposta ta' yacht marina fil-futur.

Is-Sindku qal li dement li l-maġġoranza tal-Kunsill qabel li ma jsirx dan il-proġett huwa ma jħoss li l-mozzjoni tal-Kunsillier John B. Camilleri ma tgħamliex sens, għaliex il-Kunsill diġa qabel li ma għandiex issir u mozzjoni issir meta jkun hemm xi ħaġa li ma jkunx hemm ftehim fuqha mhux meta jkun hemm ftehim.

Il-Kunsillier is-Sur Ryan Portelli qal illi fl-opinjoni tiegħu id-diskussjoni f'din is-seduta kienet li l-Kunsill mar kontra il-proġett propost mentri il-mozzjoni qegħda li tgħid li lanqas biss għandu jkun hemm diskusjoni li dan il-proġett jiċkienx jew jekk jikbierx. Huwa qal li hemm bżonn li issir distinzjoni u mhux tibqa vaga is-sitwazzjoni għaliex jista jkun hemm il-possibilita li l-quddiem terġa tinħareġ sejħa oħra fuq marina oħra anke iżgħar.

Is-Sindku qal illi għalhekk tajjeb li jkun hemm kumitat iffurmat mill-Kunsill ħalli jkunu preżenti waqt il-konsultazzjonijiet u jekk ikun hemm xi ħaġa li ma jaqblux mgħaha jkunu jistgħu joġġezzjonaw bħala Kunsill.

Il-Kunsillier is-Sur Ryan Portelli qal li dan il-proġett tant kemm hu ħazin u jmur kontra l-identita ta' Marsaskala li lanqas biss għandu jiġi diskuss.

Is-Sindku qal li waqt din is-seduta tkelmu fuq affarijiet li hemm bżonn bħal breakwater u dan ma jfissirx li l-Kunsill huwa favur il-marina imma ċertu affarijiet oħra li huma għal ġid tal-lokal għandhom jiġu diskussi.

Il-Kunsillier is-Sur John B Camilleri qal li l-biża tal-residenti hija li ma natux lok li fi ftit snin jispiċċa proġett kbir ta yatch marina kif ġara f'diveri lokalitajiet. Huwa kompla jgħid illi din mhux artistic impression u l-Kunsilliera ma għandhom jemmnu li hija *atristic impression.*

Il-Viċi Sindku spjegat illi huma waqt il-laqgħa li kellhom ma Transport Malta resqu l-ilmenti tar-risidenti u ma ittieħdet l-ebda deiċiżjoni. Hija qalet li waqt din is-seduta qed tirraporta f'intqal waqt il-laqgħa sabiex tinforma lil Kunsill u lir-residenti bl-andament tal-laqgħa u mhux x'aċċettaw.

Il-Kunsillier Dr. Errol Cutajar qal li Kunsill Lokali jrid jirrisolvu ruħu b'mozzjoni li qeda titressaq minn Kunsillier u hija issekondata.

Id-diskossjoni tkompliet fuq il-mozzjoni b'urġenza proposta mill-Kunsillier is-Sur John B Camilleri u għaldaqstant il-Kunsillier is-Sur Ryan Portelli ppropona mozzjoni oħra.

**26.7.11** Il-Kunsillier is-Sur Ryan Portelli ippronona mozzjoni b'urġenza u l-Kunsillier is-Sur John B. Camilleri ssekonda.

*Il-Kunsill ta Marsaskala huwa kontra il-proposta imfasla minn TMALta fil-pre qualifiation document tal-yatch marina f'Marsaksla u jikkundanna il-ħruġ ta' dan id-dokument mingħajr konsultazzjoni mal-komunita ta' Marsaskala, il-Kunsill jesiġi li dan id-dokument għandu jkun irtirat immedjatament u tiġi abbundnata l-ideja ta konċessjoni ta yatch marina f'Marsaskala, minnufih TMalta għandha tidħol f'diskussjonijiet mal-Kunsill u mar-residneti ta' Marsaskala u l-għaqdiet tal-lokal għal-orgainazzjoni tal-irmiġġi eżistenti, ħarsien komplet lejn id-drawwiet kulturali u soċjali tal-lokal, ħarsien tal-ambjent marritimu u b'mod fejn jiġu ssalvagwardjati ż-żoni tal-għawm fil-bajja.*

Il-Kunsill għadda din il-ozzjoni għal vot hekk kif ġej:
Il-Kunsillier is-Sur Ryan Portelli : FAVUR
Il-Kunsillier is-Sur John B Camilleri : FAVUR
Is-Sindku s-Sur Mario Calleja : FAVUR

Il-Viċi Sindku s-Sinjorina Janice Falzon : FAVUR
Il-Kunsillier is-Sur Charlot Mifsud : FAVUR
Il-Kunsillier is-Sinjura Maryrose Mifsud : FAVUR
Il-Kunsillier Dr Patrick Camilleri : FAVUR
Il-Kunsillier DR Errol Cutajar : FAVUR
Il-Kunsillier il-Perit John Schembri : ASTJENA

Il-mozzjoni għaddiet bil-vot hekk kif ġej:

FAVUR 8 VOTI, KONTRA 0 VOTI, ASTENZJONI 1 VOT

**26.10 <u>Tmiem tal-laqgħa u data tas-seduta li jmiss:</u>**

L-Aġenda ġiet eżawrita kollha u l-laqgħa spiċċat fis-7.00pm. Il-laqgħa tal-Kunsill li jmiss ser issir Nhar it-Tnejn 23 t'Awwissu 2021 fis-6.00pm.

Ikkonfermat illum 16 ta' Awwissu 2021.

| | |
|---|---|
| IFFIRMAT | IFFRIMAT |
| _____________ | _______________ |
| **Josef Grech** | **Mario Calleja** |
| Segretarju Ezekuttiv | Sindku |